**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 17 ta' Novembru 2016**

**Pulizija**

**Spettur Robert Said Sarreo**

**Vs**

**Floyd Debattista**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra Omissis, 16 il-sena bin Stephen Andrea w Jacqueline nee' Ebejer, imwieled Malta fit-30 ta' Dicembru 1999 u joqghod 172, Triq Villambrosa, Hamrun, ID: 6100(L);

Talli fit-18 ta' Gunju 2016 ghall-habta ta' 3:45pm, f'Pjazza San Pawl, Hamrun:

1) Kellu fil-pussess tieghu arma ipprojbita (ponn tal-hadid).

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni f'dawn il-proceduri, fis-17 ta' Novembru 2016, li giet ikkonfermata minnu wara li nghata z-zmien xieraq skont il-ligi sabiex jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu solennement bil-konsegwenzi li l-istess ammissjoni kienet ser iggib maghha;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l-Artikolu 3 taqsima II(4) skeda 1 tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta;

Wara li semghet lill-partijiet jittrattaw fuq il-piena li setghet tinghata lill-imputat;

Fuq ammissjoni din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi imputat hati tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u qieghda tordna li jitqieghed taht ordni ta' probation ghal tlitt snin ai termini tal-Artikolu 7 tal- Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**